**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 684/2024**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Anwar Ashur Aboshhiwa**

**Illum 19 ta' Settembru 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Anwar Ashur Aboshhiwa**, iben Ashur u Najia neè Abunjah, imwieled fl-4 ta' Settembru 1995 ġewwa Tripoli, Libja, residenti ġewwa Riviera Bianca, Fl 12, Triq Ċensu Farrugia, Msida, u detentur ta' Passaport Libjan bin-Numru 736595, talli nhar id-29 ta' Awwissu 2024, għall-ħabta ta' bejn 00:45hrs u 02:30hrs, ġewwa Triq San Ġorġ, San Ġiljan, u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Aiman Giuma Edoufani f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' l-istess Aiman Giuma Edoufani u cioè ferita ta' natura gravi kif iċċertifikat minn Dr. Luke Galea, Med. Reg. Nru. 6775, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 214, 215, 216 u 218 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess perjodu u ċirkostanzi kkawża lil Aiman Giuma Edoufani biża li ser tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222(1) tal-Kodiċi Kriminali, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 251(3) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti: (i) f'każ ta' ħtija tikkundanna lil Anwar Ashur Aboshhiwa għall-ħlas ta' l-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) tipprovdi għas-sigurtà ta' Aiman Giuma Edoufani billi toħroġ Ordni ta' Protezzjoni kontra Anwar Ashur Aboshhiwa skond l-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; u (iii) f'każ ta' ħtija, sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Aiman Giuma Edoufani ai termini ta' l-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; (iv) f'każ ta' ħtija għar-reati kollha jew għal wieħed biss, tħaddem kontra Anwar Ashur Aboshhiwa kull artikolu li jiżgura kumpens jew restituzzjoni lill-vittma tar-reati

relattivi; (v) f'każ ta' ħtija għar-reati kollha jew għal wieħed biss, tħaddem kontra Anwar Ashur Abosshiwa d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 532A, 532B u/jew 533 tal-Kodiċi Kriminali, minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabilixxi l-Liġi;

Rat li waqt is-seduta tat-3 ta' Settembru 2024, il-Prosekuzzjoni ddikjarat li l-imputazzjoni ta 'ferita ta 'natura gravi dedotta fil-konfront ta 'l-imputat qed tiġi hekk dedotta ai termini tal-Artikolu 216(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta 'Malta;

Rat li l-imputat wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrih, liema ammissjoni ġiet minnu kkonfermata wara li l-Qorti spjegatlu l-implikazzjonijiet legali ta' tali ammissjoni u tatu biżżejjed żmien biex jirrikonsidra l-posizzjoni tiegħu u jerġa' lura minnha;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "A" sa' Dok. "E";

Rat li fis-seduta tat-3 ta' Settembru 2024, id-Difensur ta' Anwar Ashur Abosshiwa iddikjara li dakinhar stess kienet ser issir transazzjoni ma' Aiman Giuma Edoufani u dan in kwantu għar-risarċiment ta' danni, li jkopru wkoll danni ċivili, u għaldaqstant bi qbil ma' Aiman Giuma Edoufani, una volta t-transazzjoni tiġi attwata u l-pagament effettwat ma jkunx hemm iktar pretensjonijiet ta' Aiman Giuma Edoufani u ta' l-imputat fil-konfront ta' xulxin;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli nhar id-29 ta' Awwissu 2024, għall-ħabta ta' bejn 00:45hrs u 02:30hrs, ġewwa Triq San Ġorġ, San Ġiljan, u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer: (1) Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Aiman Giuma Edoufani f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' l-istess Aiman Giuma Edoufani u cioè ferita ta' natura gravi kif iċċertifikat minn Dr. Luke Galea, Med. Reg. Nru. 6775; (2) U aktar talli fl-istess perjodu u ċirkostanzi kkawża lil Aiman Giuma Edoufani biża li ser tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222(1) tal-Kodiċi Kriminali.

L-imputat wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu u dana wara li l-Prosekuzzjoni ddikjarat li l-imputazzjoni dwar ferita ta' natura gravi dedotta fil-konfront tiegħu hija bbażata fuq l-Artikolu 216(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fid-dawl ta' tali ammissjoni da parte ta' l-imputat din il-Qorti għandha ssib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet hekk dedotti kontrih.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom l-imputat qed jinstab ħati, iżda ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputat għandu fedina penali netta u li rreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri. Ikkunsidrat ukoll li l-imputat daħal fi ftehim ma' Aiman Giuma Edoufani għar-risarċiment tad-danni kawżati lilu, inkluż danni ċivili. Ikkunsidrat ukoll li t-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih.

Għaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 31, 214, 215, 216(1)(b) u 251(1)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati, fuq ammissjoni tiegħu stess, ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-perijodu ta' sentejn (2) priġunerija iżda, peress illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ hemm raġunijiet li jagħtu lok għas-sospensjoni tal-piena karċerarja hawn imposta fuq l-imputat, senjatament il-fatt li l-imputat għandu fedina penali netta, ammetta fi stadju bikri tal-proċeduri u laħaq ftehim ma' Aiman Giuma Edoufani għar-risarċiment tad-danni kawżati, a tenur ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tissospendi it-terminu ta' sentejn (2) priġunerija hawn impost fuq l-imputat għall-perijodu ta' erba' (4) snin b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar ir-responsabilità tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Ai termini ta' l-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed toħroġ fil-konfront ta' l-imputat Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà ta' Aiman Giuma Edoufani. Dan l-Ordni ta' Trażżin qed jinħareġ għal perijodu ta' tlett (3) snin dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza u taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati f'Digriet mogħti llum stess, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A tenur ta' l-Artikolu 382A(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trażżin maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li jikser xi waħda jew iktar mill-kondizzjonijiet ta' tali Ordni ta' Trażżin, u cioè f'tali eventwalità jista' jiġi ikkundannat għal multa ta' sebat elef Euro (€7,000) jew għal priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew għal tali multa u priġunerija flimkien.

Fid-dawl tal-ħruġ ta' l-Ordni ta' Trażżin fil-konfront ta' l-imputat, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġewx nominati Esperti u/jew Periti, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u peress illi l-imputat u Aiman Giuma Edoufani daħlu fi ftehim dwar ir-risarċiment tad-danni, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni wkoll tat-talbiet tal-Prosekuzzjoni fir-rigward ta' kundanna għall-ħlas tad-danni.

Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza kif ukoll tad-Digriet ta' Ordni ta' Trażżin.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**